**16 ta' Jannar, 1945.**

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Antonio Zammit** *versus* **Agostino Zammit et.** (*)

## Aċċettazzjoni ta' Eredità — Att ta' Eredi — Sekwestru.

***L-aċċettazzjoni ta' eredità tista' tkun espressa jew taċita.***

***Hija taċita meta l-eredi jagħmel att li jissupponi neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità u li ma jkollux dritt jagħmel ħlief fil-kwalità ta' eredi.***

***Mandat ta' sekwestru ottenut mill-eredi biex jikkawtela d-dritt tiegħu għal sehem mill-eredità ma jistax jissejjaħ att sempliċement konservatur, li ma jimpurtax aċċettazzjoni ta' l-eredità, imma huwa att kawtelatorju li jissupponi neċessarjament f'min ottjena dak il-mandat il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità; huwa att ta' eredi.***

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi huwa ddepożita għan-nom ta' oħtu Rosina Zammit fl-Anglo Maltese Bank, b'ċedola numru 13862, is-somma ta' £170, illi magħha hija żiedet £80 illi kienu proprjetà tagħha, u dana sabiex tkun tista' tgawdi l-imgħaxijiet; u li l-konvenuti aċċettaw l-eredità ta' l-imsemmija Rosina Zammit, kif jirriżulta mill-mandat tas-sekwestru (dok. A); u li huwa ħallas ukoll l-ispejjeż tal-funerali ammontanti għal £16. 17. 3, u t-taxxa tas-suċċessjoni ammontanti għal £2. 10. 0; talab li jiġi awtorizzat jippreleva u jiżbanka mill-imsemmijin depożiti l-imsemmija somma ta' £170 u l-interessi relativi mill-ġurnata tal-mewt ta' l-imsemmija Rosina Zammit, ċjoè mid-29 ta' Jannar 1943; u l-konvenuti jiġu kundannati iħallsu lilu

(*) Konfermata fl-Appell, 4. 6. 1945.

l-imsemmija somma ta' £16. 17. 3 għall-funerali u £2. 10. 0 għat-taxxa tas-suċċessjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' April 1943 u tal-mandat ta' l-24 ta' Mejju 1943;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni illi l-konvenuti għadhom ma aċċettawx il-wirt ta' l-imsemmija oħthom Rosina Zammit;

Illi l-aċċettazzjoni ta' l-eredità tista' tkun espressa jew taċita. Hija taċita meta l-eredi jagħmel att li jissupponi neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità, u li ma jkollux dritt jagħmel jekk mhux fil-kwalità ta' eredi;

Illi, fil-każ preżenti, il-konvenuti ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra ħuhom Giuseppe Zammit in kawtela tad-dritt tagħhom għas-sehem li jmisshom mill-oġġetti mobili, flus, bjankerija u oġġetti ta' metall prezzjuż li jappartjenu lill-assi ta' l-imsemmija oħthom Rosina Zammit. Dana l-att ma jistax jissejjaħ att sempliċement konservatur li ma jimpurtax aċċettazzjoni ta' l-eredità, imma huwa att kawtelatorju tad-dritt tal-konvenuti għal sehemhom mill-wirt, li kwindi jissupponi neċessarjament fihom il-volontà tagħhom li jaċċettaw l-eredità ta' l-imsemmija Rosina Zammit; għaliex juri l-intenzjoni tagħhom li jagixxu għal sehemhom mill-wirt tagħha — dak li ċertament ma jistgħux jagħmlu ħlief fil-kwalità tagħhom ta' eredi;

Għalhekk tirrespinġi dina l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Tikkunsidra fil-meritu;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, u billi tilqa' wkoll it-tieni talba, fis-sens però li tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur kull wieħed minnhom il-kwart tas-somom ta' £16. 17. 3 u ta' £2. 10. 0 imsemmijin f'dik it-talba; jiġifieri s-somma ta' £3. 17. 5 kull wieħed;

L-ispejjeż relativi għall-ewwel talba jitħallsu mill-konvenuti; dawk relativi għat-tieni talba żewġ kwinti mill-konvenuti u l-bqija mill-attur.

---